11 ta' Novembru, 1946.

Imhallef -

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Gauci

**Sentenza — Nullità — Penali — Rekwiżizzjoni.**

*F'kawża fejn wieħed jiġi mħarrek biex iħallas penali li ġie għaliha kundannat b'sentenza li saret ġudikat, ma hux meħtieġ li tiġi eżibita kopja tas-sentenza li kienet ikkundannat lill-imputat għal dik il-penali, imma hija biżżejjed riferenza għal dik is-sentenza, meta dik is-sentenza tkun ġiet mogħtija mill-istess Qorti li tkun qiegħda teżamina l-każ l-ieħor bażat fuq dik is-sentenza. Għalhekk mhix nulla s-sentenza fuq il-motiv li ma ġietx eżibita kopja ta' dik l-ewwel sentenza.*

*Meta s-sentenza tkun saret ġudikat, l-imputat ma jistax jeħles mill-ħlas tal-penali meta l-motiv li fuqu huwa jippretendi li għandu jiġi meħlus minn dik il-penali jkun pre-eżistenti għas-sentenza li kkundannatu għal dik il-penali.*

*Fil-każ preżenti l-imputat kien ġie kundannat jikkonsenja ċ-ċwievet ta' fond lill-Housing Officer, taħt penali ġornaljera għal kull jum ta' ritard. Billi naqas minn dik il-konsenja fiż-żmien stabbilit, ġie mħarrek biex iħallas il-penali korrispondenti għall-perijodu tan-nuqqas tiegħu. Huwa ried jeħles mill-kundanna għall-ħlas tal-penali billi allega, bħala motivi tan-nuqqas tiegħu, fatti li kienu ġà jeżistu meta ġie kundannat għall-konsenja taċ-ċwievet taħt dik il-penali. U l-Qorti ċaħdet din il-pretensjoni tiegħu.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-29 ta' Lulju 1946, dan Gauci ġie kundannat li jikkunsinna lill-Housing Officer, fi żmien tmint ijiem, iċ-ċwievet tad-dar nru. 157 Victoria Avenue, il-Hamrun, taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum għal kull ġurnata ta' dewmien;

B'sentenza oħra tat-23 ta' Settembru 1946 Gauci ġie misjub ħati talli ma eżegwiex is-sentenza fuq imsemmija, u ġie kundannat għall-multa ta' £6 għal 48 ġurnata ta' nuqqas bir-rata fuq imsemmija ta' 2s. 6d. kuljum;

L-appell odjern sar minn din is-sentenza ta' l-aħħar;

Trattat l-appell, din il-Qorti rriflettiet;

Id-difiża issolevat, l-ewwelnett, il-pont tan-nullità tas-sentenza appellata, billi qalet illi s-sentenza hija bażata fuq is-sempliċi allegazzjoni, kontenuta fiċ-ċitazzjoni, ta' l-eżistenza tas-sentenza ta' qabel, mentri kien imissha ġiet eżibita kopja legali ta' dik is-sentenza prinċipali. Din id-deduzzjoni ma hix aċċettabili, għaliex ġie deċiż—u bir-raġun—illi ma hemmx bżonn l-eżibizzjoni ta' kopja imma hi biżżejjed sempliċi riferenza, meta si tratta ta' sentenza mogħtija mill-istess Qorti li tkun qiegħda tikkunsidra l-każ l-ieħor bażat fuq dik is-sentenza. Dan hu aktar veru fil-każ odjern, li fih iċ-ċitazzjoni attwali mahijiex in sostanza ħlief likwidazzjoni tal-penali stabbilita bl-ewwel sentenza (ara App. Civ. "Mangion vs. Agius" 4-XI-1914, Imħallfin Dr. Pullicino, Dr. Parnis, u Dr. A. Micallef);

Bis-sentenza prinċipali l-appellant ġie kundannat biex jikkunsinna ċ-ċwievet lill-Housing Officer. Dan kien in eżekuzzjoni ta' "requsition order" maħruġ mill-awtorità eżekutiva. Ġaladarba kien hemm dik is-sentenza, dan ifisser, neċessarjament, illi l-Qorti, meta pproferietha, kienet soddisfatta illi r-"requisition order" ġie maħruġ mill-uffiċjal kompetenti

u li ġie maħruġ bil-forma legali (u għalhekk il-Qorti ma setgħetx tindaħal aktar f'att ta' "executive discretion"); u jfisser ukoll li kienet soddisfatta illi l-appellant, allura imputat f'dik il-kawża, ma kellu ebda "lawful excuse", skond ir-reg. 21 tal-Protection Office Regulations 1942, biex ma jobdix l-ordni tar-"requisition" (għaliex diversament, skond il-liġi, ma kienx ikun kundannat);

Issa dik is-sentenza għaddiet f'ġudikat; u hu prinċipju, li ma ġie qatt dubitat, illi l-ġudikat ma jistax jerġa' jiġi rinvangat;

Issa, tant fir-rikors stess ta' l-appell, kemm fix-xhieda li ta l-appellant quddiem din il-Qorti fuq talba tiegħu stess, ġie ammess illi l-motiv li għalih id-difiża tippretendi li ma hemmx lok għall-kundanna odjerna għall-penali kien jippreeżisti għall-ewwel sentenza;

Minn dan jiġi illi dak il-motiv hu assorbit bil-ġudikat, u, kieku din il-Qorti kellha tidħol fl-eżami tiegħu, tkun qiegħda tivvjola l-prinċipju fondamentali ta' l-awtorità tar-"res judicata". Difatti l-Qorti tkun qiegħda terġa' tiftaħ kwistjoni li kienet definita bil-fatt tal-kundanna preċedenti. Divers seta' jkun il-każ kieku l-motiv issopravvjena wara s-sentenza prinċipali;

Għalhekk ma hemm xejn x'jiġi ċensurat fis-sentenza appellata, li tibqa' konfermata u l-appell miċħud. Żmien għall-ħlas ħmistax-il ġurnata mil-lum.